MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT

## DAVID SCICLUNA

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2014

Numru 47/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Charles Steven Muscat**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija sentenza dwar appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fil-15 ta' Ottubru 2012 dwar eccezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat.

2. Charles Steven Muscat kien akkużat permezz ta' Att ta' Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fit-13 ta' Settembru 2010 (nru 47/2010) li: (1) assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni; (2) kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina kontra l-liġi.

**3.** Permezz tar-rikors ta' appell tiegħu l-akkużat talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-raba' eċċezzjoni, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ċaħdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet u kwindi takkolji l-istess eċċezzjonijiet.

**4.** Permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet ippreżentata fit-30 ta' Settembru 2010 l-akkużat appellant eċċepixxa:

> "1. Illi l-istatement ta' l-akkuzat ghandu jigi sfilzat stante li dan ittiehed mill-imputat minghajr ma dan gie offrut l-assistenza ta' avukat. Illi l-istess akkuzat qed minn issa jirrizerva li fil-mument opportun huwa jitlob referenza Kostituzzjonali f'dan ir-rigward;
>
> "2. Illi l-esponent qed prezenzjalment jikkontendi l-inammissibilita` tal-provi kollha relatati mad-dipartiment tas-Servizzi Sigrieti ta' Malta. F'dan is-sens hu jrid

jikkontrolla il-mod ta' kif inhargu l-warrants opportuni mill-Ministru ghall-Gustizzja u l-Affarijiet tal-Intern u l-Prim Ministru ta' dak iz-zmien. Ghalhekk minn issa qed jirriserva illi fl-istadju tat-trattazzjoni tal-eccezzjonijiet preliminari huwa jingungi xhieda sabiex ikun jista' jikkontrolla l-warrant esebit bhala NHA3 fl-atti kumpilatorji. Jirrileva illi pendente il-proceduri quddiem il-Qorti Kumpilatorja d-Difiza gia` kienet espremiet ir-reservi u dubbji serji f'dan ir-rigward u li d-dokumenti de quo gew esebiti fl-isfond ta' rezistenza kbira mill- Prosekuzzjoni u biss wara diversi pronunzjamenti mill-Qrati. Jirriserva wkoll li jitlob il-Qorti tinnomina espert tal-kalligrafija sabiex jigi vverifikat ta' min huma l-firem.

"3. Illi in oltre jinghad minn ezami akkurat tad-dokumenti illi s-suppost firem tal-ministru Tonio Borg ma jaqblux bejniethom u ghad-dirittura hemm fejn persuna ohra ffirmat flok il-Ministru, haga totalment illegali u inammissibli.

"4. Illi ghandhom jigu sfilzati mill-process l-istatements rilaxxati minn Alfred Bugeja li kien ko-akkuzat mal-esponent u liema statement huwa inammissibli fil-konfront tal-akkuzat kif ukoll id-diversi sentenzi esebiti fil-konfront ta' dak li kien ko-imputat Alfred Bugeja ghall-istess raguni.

**5.** Ir-raba' eċċezzjoni ġiet irtirata fis-seduta ta' l-20 ta' April 2012 quddiem il-Qorti Kriminali, u b'hekk dik il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dik l-eċċezzjoni. Rigward l-eċċezzjonijiet l-oħra, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet hekk:

**<u>"L-Ewwel Eċċezzjoni</u>**

**"Din l-eċċezzjoni hija għal talba dwar l-isfilz tal-istqarrija magħmula mill-akkużat fis-7 t'Awwissu 2002. Fleċċezzjoni l-akkużat qal li kien ser jagħmel referenza kostituzzjonali. Effettivament, flok għamel referenza kostituzzjonali, huwa intavola rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) li kien deċiż mill-Prim'Awla fl-10 ta' Ottubru, 2011. L-aħħar parti tassentenza tgħid hekk:**

**"'Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u billi fit-tieni lok tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li d-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, kif sanċiti in partikolari fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew lezi u tordna l-isfilz talistqarrija tar-rikorrent mill-process kriminali kontra tieghu u dan sabiex jigi assigurat it-twettiq tad-drittijiet fondamentali kif sanciti bl-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 319.'**

**"Il-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza finali tagħha fit-8 t'Ottubru 2012 fejn qalet hekk:**

**"'31. Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'liberta sħiħa. Ma hemm ebda xiehda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-liberta fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awtoinkriminazzjoni.**

**"32. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tal-lum fit-2 ta' Diċembru 2010 – wara li kienet magħrufa ssentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jieħu lura listqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx qiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrija li, wara kollox, għamilha liberament.**

**"33. Meta tqis ukoll illi l-attur għad irid igħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrija talakkużat; illi matul dan il-proċess l-attur sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bilperikolu illi joqogħdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeċiedu dwar ħtija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-oħra, u illi l-imħallef saħansitra jista' jwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tinġieb xiehda – li ma tressqitx quddiem din il-qorti – li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew 'theddid, din ilqorti hija tal-fehma illi ma ntwera ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq bit-teħid tal-istqarrija tal-attur mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat.**

**"34. Bħala garanzija addizzjonali, din il-qorti sejra tordna illi kopja ta' din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess kriminali sabiex il-paragrafu ta' qabel dan jinġieb għallattenzjoni tal-ġudikanti tad-dritt u tal-fatt.**

**"35. Ladarba sejjer jintlaqa' t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali, ma huwiex meħtieġ illi l-qorti tqis ukoll it-tielet aggravju, li huwa dwar ir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti.**

**"36. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar issentenza appellata, tgħid illi ma kien hemm ebda ksur ta' drittijiet tal-attur u tiċħad it-talbiet tiegħu. L-ispejjeż kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell iħallashom l-attur appellat.'**

**"Fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 t'Ottubru 2012, il-Qorti qed tiċħad it-talba għall-isfilz tal-Istqarrija u konsegwentement qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni.**

**"<u>It-Tieni Eċċezzjoni</u>**

**"Din l-eċċezzjoni u dik ta' warajha kienu l-aktar diskussi matul it-trattazzjonijiet li saru. Fit-tieni eċċezzjoni, l-akkużat irriżerva d-dritt li 'jinġunġi xhieda sabiex ikun jista' jikkontrolla l-warrant esibit bħala NH3 fl-atti kumpilatorji u li jitlob lill-Qorti sabiex tinnomina espert tal-kalligrafija sabiex jiġi ivverifikat ta' min huma l-firem.**

**"Il-kwistjoni kollha tista' tinġabar fi ftit kliem. Min kien li iffirma l-warrant li suppost, skont id-difiża, kellhom ikunu iffirmati mill-Ministru ta' dak iż-żmien u għad-difiża huwa sempliċi ħafna li tqabbel il-firem li jidhru a fol 745 u 768 u 694 u 699.**

**"Dwar dan kollu l-Qorti għandha s-segwenti osservazzjonijiet:**

**“(a) M’hemmx għalfejn jingħad li it-tqabbil suġġerit mid-difiża ma jistax isir mill-Qorti li ma tistax tassumi r-rwol ta’ espert.**

**“(b) L-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari mhux l-istadju meta jittellgħu x-xhieda jixhdu jew inkella li l-Qorti taħtar esperti tal-kalligrafija. L-artikolu 438(2) tal-Kap 9 huwa ċar dwar dak li jista’ jagħmel l-akkużat ġaladarba huwa jirċievi l-Att tal-Akkuża:**

**‘(2) L-akkużat għandu, permezz ta’ nota ppreżentata fir-reġistru tal-qorti mhux iktar tard minn ħmistax-il jum tax-xogħol mid-data ta’ dik in-notifika –**

**(i) jagħti avviż dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449 u kull eċċezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi li jkollu l-ħsieb li jagħti, u**

**(ii) jindika x-xhieda u jipproduċi d-dokumenti u oġġetti oħra li jkollu l-ħsieb li juża fil-kawża, u kopja uffiċjali ta’ dik in-nota għandha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali.’**

**“Ebda subinċiż tal-artikolu 449 ma jipprovdi għal xi talba dwar li jinstemgħu xi xhieda. Kieku l-artikolu 438(2) ried jagħti l-jedd lill-akkużat li jitlob li jinstemgħu x-xhieda, dan kien jgħidu espressament. L-artikolu jagħtih il-jedd li jindika x’xhieda ser itella’ u mhux li jitlob li xi xhud jinstema’ fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.**

**“Lanqas ma jagħti dan l-artikolu xi dritt biex ikunu maħtura xi esperti.**

**“(ċ) Dan kollu seta’ ntalab waqt l-istadju tal-kumpilazzjoni fejn id-difiża għandha d-dritt li titlob li jinstemgħu x-xhieda tagħha bil-verifiki kollha. Huwa f’dak l-istadju li dan kollu huwa permess iżda mhux fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.**

**"(d) Il-pożizzjoni fil-Liġi kif inhi. L-artikolu 8 tal-Kap 391 (Att Dwar is-Servizzi tas-Sigurta') jipprovdi kif ġej:**

**'8. (1) Mandat ma għandux jinħareġ jew jiġi mibdul ħlief –**

**(a) bil-miktub mill-Ministru; jew**

**(b) f'każ urġenti meta l-Ministru ikun espressament awtorizza l-ħruġ tiegħu jew li jsir tibdil fih u dikjarazzjoni ta' dak il-fatt tiġi reġistrata fuqu, bil-miktub minn uffiċjal tal-Gvern anzjan.'**[1]

**"Il-Leġislatur juża l-istess diċitura, kelma b'kelma, fis-subinċiż (4) tal-artikolu 9 tal-Att.**

**"L-artikolu 8 juri li min jiffirma l-warrant jista' jkun il-Ministru jew, f'każijiet ta' urġenza, il-Ministru jista' jawtorizza lil xi uffiċjal tal-Gvern anzjan sabiex jiffirmah hu.**

**"(e) Id-difiża saħansitra intavolat rikors kostituzzjonali dwar dan il-punt. Hija talbet lill-Qorti tissoprassjedi sakemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u / jew il-Qorti Kostituzzjonali jagħtu s-sentenzi tagħhom dwar il-punt imqajjem. Il-Qorti ċaħdet dan ir-rikors għaliex dan ir-rikors ma kienx wieħed li sar b'referenza minn din il-Qorti.**

**"(f) Matul it-trattazzjoni saret referenza wkoll għall-kawża ta' judicial review (magħmula mill-Avukat Ġenerali) u li għadha pendenti fil-Qorti tal-Appell Ċivili**

---

[1] **Skont l-artikolu 2 tal-Att dwar is-Servizzi tas-Sigurta' l-kelma 'Ministru' tfisser li Ministru li minn żmien għal żmien jinħatar mill-Prim Ministru bħal responsabbli għas-Servizzi ta' Sigurta'.**

**(Superjuri) dwar l-artikolu 18 tal-Kap 391. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-punt kruċjali hawn huwa l-artikolu 8 aktar mill-artikolu 18.**

**"Għalhekk il-Qorti, wara li qieset dan kollu, qed tiċħad din it-tieni eċċezzjoni tal-akkużat.**

**"<u>It-Tielet Eċċezzjoni</u>**

**"Din it-tielet eċċezzjoni hija marbuta ħafna mat-tieni waħda. Id-difiża qed tgħid li l-firem tal-Ministru Borg ma jaqblux bejniethom. Hemm persuna oħra fejn iffirmat flok il-Ministru, ħaġa totalment illegali u inammissibbli.**

**"Il-punt ta' partenza tad-difiża kien li ħadd ħlief il-Ministru ma seta' jiffirma l-warrant. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal dwar l-artikolu 8 tal-Kap 391 fit-tieni eċċezzjoni. Jirriżulta ċar li persuna oħra tista' tiffirma l-warrant jekk**

**(i) hija uffiċjal tal-Gvern anzjan u**

**(ii) hemm xi urġenza u**

**(iiI) il-ministru jkun awtorizza l-ħruġ tiegħu.**

**"Għalhekk m'hemmx bażi legali għall-illegalita` u l-inammissibilta` li qed jallega l-akkużat. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tielet eċċezzjoni.**

**6.** Permezz ta' l-ewwel aggravju tiegħu l-appellant qiegħed jitlob li din il-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu u tordna l-isfilz ta' l-istqarrija li kien għamel lill-Pulizija għax kienet saret mingħajr ma kien ġie offrut assistenza legali. Din il-kwistjoni ġiet trattata mill-Qorti Kostituzzjonali preċiżament fi proċeduri inizjati mill-appellant stess u deċiżi definittivament minn dik il-Qorti fit-8 ta' Ottubru 2012. L-ewwel Qorti in effetti għamlet pjena referenza għad-deċiżjoni ta' dik il-

Qorti fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali** fejn ġie konkluż li ma kien hemm ebda ksur ta' drittijiet ta' l-appellant u konsegwentement ċaħdet it-talbiet tiegħu.

**7.** Din il-Qorti diġa\` kellha okkażjoni tikkunsidra eċċezzjoni identika fl-Appell Kriminali **Repubblika ta' Malta v. Antonio Abdilla et** deċiż fid-9 ta' Mejju 2013 fejn osservat **"illi meta stqarrija tingħata minn suspettat mingħajr l-assistenza ta' avukat dan ma jissarrafx awtomatikament fi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq u konsegwentement fl-inammissibilita\` awtomatika tagħha."** F'dik is-sentenza saret referenza għall-istess sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali** kif ukoll għal sentenza oħra ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Saliba** mogħtija fit-2 ta' Mejju 2013 fir-rigward ta' aggravju simili għal dak odjern fejn intqal:

> **"15. L-insenjament awtentiku u l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali f'din il-materja ġie riassunt fil-bran li ġej mis-sentenza tal-istess Qorti tas-26 ta' April 2013 fil-kawża fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v Martin Dimech* fejn jingħad :**
>
> ***"'Din il-qorti ġà kellha okkażjoni illi tgħid illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilità tal-persuna interrogata, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.'*** [2]
>
> **"16. Fil-każ ta' llum din il-Qorti ma ġewx indikati lilha ebda ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita\` fiż-żmien li l-appellant irrilaxxja l-istqarrija u x-xiehda in kwistjoni u li jistgħu jinduċu lil din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat meta ttieħdet l-istqarrija u ngħatat ix-xiehda, l-użu ta' dik l-istqarrija u xiehda fil-kors tal-ġuri twassal għal smigħ mhux xieraq fil-konfront tal-appellant. Ma rriżultat ebda ċirkostanza li tirrendi l-istess stqarrija u xiehda inammissibbli skont il-liġi.**

[2] Ara wkoll Qorti Kostituzzjonali **Joseph Bugeja v Avukat Ġenerali**, 14 ta' Jannar 2013, rik. 70/2011

> **"17. Iċ-ċirkostanzi ta' l-appellant u ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdu l-istqarrija u x-xiehda, jiffurmaw parti mill-provi li se jinġiebu a konoxxenza ta' l-imħallfin tal-fatti. L-istess bħalma jifforma parti mill-provi dak li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u ċ-ċirkostanzi li fihom ikun qalhom (f'dar-rigward l-appellant ma ndika l-ebda xhud partikolari li qiegħed jilmenta dwaru). Difatti, bħal fil-każ ta' *Muscat*, l-appellant għad irid jgħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi <u>kollha</u>, u mhux biss l-istqarrijiet tiegħu; illi matul dan il-proċess huwa sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-ħtieġa li l-provi kollha, inkluża l-istqarrija u x-xiehda li ssemmiet, isir apprezzament tagħhom fl-assjem tagħhom meta jiddeċiedu dwar ħtija. L-imħallef saħansitra ċertament ser iwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrijiet jekk tinġieb xiehda li l-istqarrijiet ttieħdu bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Sta wkoll għall-imħallef togat biex jara x'kawteli jridu jittieħdu mill-imħallfin tal-fatti dwar xi diskors li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u f'liema ċirkostanzi ntqal dak id-diskors. Konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa miċħud."**

**8.** Din il-Qorti, wara li eżaminat l-atti rilevanti u semgħet is-sottomissjonijiet opportuni, tikkonkludi li dak li ntqal fis-sentenza appena ċitata japplika *mutatis mutandis* għall-każ odjern. Kwindi l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**9.** It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tiegħu li permezz tagħhom huwa qiegħed isostni l-inammissibilita` tal-provi kollha relatati mad-Dipartiment tas-Servizzi Sigrieti. Jgħid illi huwa jinsab f'posizzjoni ferm żvantaġġuża peress illi ma jistax jikkontrolla l-veraċita` o meno tal-*warrants* esebiti u jekk dawn itteħdux skond il-liġi stante illi għalkemm jgħajtu lill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja ta' dak iż-żmien, Dr. Tonio Borg, għandhom firem differenti. Huwa għalhekk irid illi jitħalla jressaq lill-imsemmi Dr. Tonio Borg sabiex jiikkonferma l-firma tiegħu. L-appellant josserva illi l-*warrants* ġew esebiti wara ħafna reżistenza mill-Avukat Ġenerali li anke ppreżenta rikors kostituzzjonali sabiex jipprova jisfilzahom, b'eżitu sfavorevoli għall-Avukat Ġenerali. L-appellant isostni illi, sabiex huwa jkolu moħħu mistrieħ li l-*warrants* ittieħdu skond il-liġi, hemm bżonn li jiġu kkonfermati minn min allegatament awtoriżżahom. Ikompli jgħid l-appellant:

"Irid jiġi mfakkar li skond l-artikolu 8 tal-European Convention *'there shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety ….'* Issa f'dan il-każ mhux qed jiġi kontestat illi l-għan kien wieħed leġittimu u dan għaliex l-interċettazzjoni setgħet saret fl-interess tas-sigurta` nazzjonali; xorta jibqa' l-fatt li l-esponenti jrid ikun ċert li l-interferenza saret skon dil-liġi (vide **Malone vs The United Kingdom**, 1984, u **Klass and Others vs Germany**, 1978). Ma jagħmilx sens li l-*warrants* jiġu esebiti u ma jitħallewx li jsiru domandi fuq il-forma tagħhom. L-esponenti mhux qed jgħid dwar is-sustanza tagħhom jew x'wassal għall-ħarġa tagħhom iżda dwar l-estetika. Ma jagħmilx sens li *warrant* se jiġi esebit fl-atti *sic et simpliciter* u dan għandu jitqies li huwa regolari mal-liġi mingħajr ma l-esponenti jingħata l-fakolta` sabiex jikkonferma dan il-punt. Il-Qorti Kriminali stqarret li l-*warrants* setgħu ġew iffirmati minn persuna oħra li mhix l-Onorevoli Ministru u dan in lineja ma' dak li jipprovdi l-artikolu 9(4) tal-Kapitolu 391. Bir-rispett kollu jekk dan kien il-każ allura l-firmatarju messu ndika min kien qed jiffirma l-att u mhux jitniżżel l-Onorevoli Ministru."

**10.** Issa, fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant jgħid illi x-xhud illi jixtieq jipproduċi huwa l-Avukat Dottor Tonio Borg, ex-Ministru ta' l-Intern. Dan ix-xhud huwa mniżżel fil-lista tax-xhieda ta' l-appellant. Għalhekk huwa xhud li jkun jista' jiġi prodott waqt il-ġuri u mhux fl-istadju tal-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet preliminari. Kieku ried l-appellant seta' anke jitlob li jiġi prodott fl-istadju tal-kompilazzjoni (art. 405(5) tal-Kodiċi Kriminali). F'dan l-istadju, dak li din il-Qorti, u qabilha l-Qorti Kriminali, huma tenuti li jagħmlu huwa li jikkunsidraw jekk id-Dok. NHA3 (id-dokument li l-appellant jirreferi għalih fin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu)huwiex ammissibbli. L-appellant stess fir-rikors ta' appell tiegħu jgħid illi "mhux qed jgħid dwar is-sustanza tagħhom jew x'wassal għall-ħarġa tagħhom iżda dwar l-estetika." Din il-Qorti ċertament mhijiex hawn biex toqgħod tikkunsidra "l-estetika". M'hemm l-ebda kontestazzjoni li d-dokumenti in kwistjoni huma *warrants*. Huwa għalhekk suffiċjenti li ssir referenza għall-artikolu 8 tal-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

**"8. (1) Mandat ma għandux jinħareġ jew jiġi mibdul ħlief –**

**(a) bil-miktub mill-Ministru; jew**

**(b) f'każ urġenti meta l-Ministru ikun espressament awtorizza l-ħruġ tiegħu jew li jsir tibdil fih u dikjarazzjoni ta' dak il-fatt tiġi reġistrata fuqu, bil-miktub minn uffiċjal tal-Gvern anzjan.'**[3]

Id-dokumenti in kwistjoni huma ffirmati u mhuwiex għal din il-Qorti biex tiddetermina ta' min huma l-firem. Għalhekk anke t-tieni aggravju ta' l-appellant qiegħed jiġi miċħud.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipprocedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkuzat Charles Steven Muscat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] **Skond l-artikolu 2 tal-Att dwar is-Servizzi tas-Sigurta` l-kelma 'Ministru' tfisser il-Ministru li minn żmien għal żmien jinħatar mill-Prim Ministru bħal responsabbli għas-Servizzi ta' Sigurta`.**